KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 27

**Il-Ħamis 30 ta' April 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fl-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christine Amaira – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

### 27.1 Qari tal-Apoloġiji

27.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija waħda mingħand il-Viċi Sindku minħabba li nqabdet xogħol. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

27.1.2 Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera u lis-SE talli bi qbil ma' kulħadd, il-laqgħa setgħet tinbeda siegħa qabel, eżattament fl-4:00pm flok fil-5:00pm.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 26

27.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 26 li kienu meqjusa moqrija.

27.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 26 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 27.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku informa li l-kumitat li jorganizzaw il-purċissjoni tal-irxoxt xtaqtu jirringrazzjaw lill-Kunsill tal-għajnuna.

27.3.2 Is-Sindku informa li kienu saru numru ta' laqgħat fir-rigward tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja. Il-Kunsillier Agius informa li l-kuntratt kien jinkludi donazzjoni ta' €5,000 fis-sena; isir sub-meter għall-garaxx t'isfel biss; issir assikurazzjoni, isir it-tindif b'mod regolari, irid ikun hemm servizz ta' sigurtà. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li wieħed irid ukoll jieħu in kunsiderazzjoni risk assessment, spejjeż ta' nutar biex isiru l-kuntratti mar-residenti, senjaletika, internet, xi fire-extinguishers, camera bis-sistema tal-ANPR, etċ. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Chircop, il-Kunsillier Agius informa li kien hemm madwar 42 – 45 parkeġġ. Fuq talba tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jista' jmexxi mal-Iskola u l-Ministeru biex isiru l-bidliet kif hemm bżonn fuq il-kuntratt. Is-sottokumitat għandu jiltaqa' biex ikompli jiddiskuti u jiffinalizza kif se tkun is-sistema tal-kiri tal-parkeġġi għar-residenti.

27.3.3 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' tal-Berġa. Din se tkun ibbażata fil-binja l-ġdida li hemm man-naħa l-oħra ta' Triq il-Wied. Is-servizzi li se jingħataw kienu se jkunu podoloġija, speech therapy u fejn jittieħed id-demm. Fil-preżent kienu qed jiġi ffinalizzat l-iffirmar tal-kuntratt biex jinbeda x-xogħol.

### 27.4 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* Sena Bażi 2025

27.4.1 Is-SE preżentat l-emendi tal-Audited Financial Statements skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri. Hija spjegat li ma kien hemm ebda tibdil fil-P&L kif ukoll fuq il-balance sheet.

27.4.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-bidla li ġiet rakkomandata u għaldaqstant approva l-Audited Financial Statements hekk kif preżentati.

27.4.3 Is-Sindku u s-SE iffirmaw il-kopji tal-FS.

## 27.5 Tneħħija ta' laptop minn fuq l-inventarju tal-Kunsill

27.5.1 Is-SE infurmat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kien għadda laptop ġdid biex jinbidel ma' wieħed mil-laptops tal-Kunsill minħabba li kien qed ibati biex jiffunzjona. Għaldaqstant laptop bin-numru tal-inventarju COMP014 se jkun qed jitneħħa minn fuq l-inventarju.

27.5.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 27.6 SCI/SPI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet Aktar Nodfa

27.6.1 Is-SE preżentat applikazzjoni għal xiri ta' *ballot bins* għas-sigaretti kif ukoll għal tliet tabelli edukattivi biex jinxtraw minn din l-iskema, kemm-il darba l-Kunsill ikun wieħed mir-rebbieħa għal dawn il-fondi.

27.6.2 Il-Kunsill approva l-applikazzjoni hekk kif preżentata mis-SE.

27.6.3 Is-Sindku u s-SE iffirmawha u s-SE se tieħu ħsieb tibgħatha.

## 27.7 SCI/SPI/03/2026 – Finanzjament – Attivitajiet tal-Milied

27.7.1 Is-Sindku spjega l-applikazzjoni tal-attivitajiet li kienet tħejjiet biex tiġi approvata mill-Kunsill. It-talba għall-ispiża finali kienet dik ta' €15,000 filwaqt li l-Kunsill irid joħroġ il-15% l-oħra.

27.7.2 L-attivitajiet kienu se jikkonsistu minn dawriet bil-vintage bus bħas-sena preċedenti, kant, presepji u wirja ta' villaġġ tal-Milied mill-iscouts, kunċert minn Spiteri Lucas Band u daqq mill-Banda Melita San Ġużepp.

27.7.3 Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni wkoll li għandha tiddaħħal l-attività tal-banda li żżur l-Iskola Primarja minħabba li din hija r-raba' sena li se tkun saret.

27.7.4 Is-Sindku u s-SE se jiffirmaw l-applikazzjoni biex tintbagħat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel mal-attivitajiet kollha pjanati u l-applikazzjoni ġiet approvata.

## 27.8 Msida Creek Project:

27.8.1 **Riżenja tal-Liaison Officer:** Is-SE infurmat li kienet irċeviet ir-riżenja tal-Liaison Officer wara li kienet inħarġitlu t-tieni twissija minħabba li f'aktar minn sena, kienu biss rari d-drabi meta ġie l-uffiċċju tal-Kunsill bħalma kellu miktub fuq il-kundizzjonijiet tal-offerta. Barra minn dan, għalkemm kienu jsirulu ħafna mistoqsijiet u kummenti fuq iċ-chat, ħafna drabi lanqas biss kien jagħti risposta lura jew imqar jagħti acknowledgement li jkun rahom jew qrahom.

Il-Kunsill qabel li fid-dawl li hemm kont għax-xahar ta' Marzu pendenti fejn huwa kien qed jintalab kontinwament biex iżur l-uffiċċju u m'għamilx dan, għandhom jinqatgħu 20% tal-ammont finali mill-kont bħala penali.

27.8.2 **Pont Pedonali bejn l-Imsida u l-Pietà:** Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienet daħħlet l-applikazzjoni mal-PA u l-pont pedonali kien ġie approvat. Is-Sindku kien bagħat email lis-CRPD biex jara jekk għandhomx xi kummenti dwar il-pont pedonali, anke vis-a-vis l-artiklu li kien ħareġ li ħafna mill-lifts ma kienux joperaw, u kulma kienu rrispondew kien li l-għan tagħhom kien li l-passaġġi jkunu aċċessibbli.

27.8.3 **Sigurtà:** is-Sindku informa li l-kuntrattur ta' IM kien reġa' għalaq il-passaġġ għan-nies, u li kieku mhux għalih u għall-Kunsillier JC Borg li marru fuq il-post u għall-Kunsillier Farrugia li tella' numru ta' filmati, dawn ma kinux jiġu rranġati. Huwa informa li meta r-residenti ta' Triq il-Kunċizzjoni kienu raw li kienu żewġ Kunsilliera miż-żewġ partiti li qed jippruvaw jirranġaw is-sistwazzjoni, kienu apprezzaw ħafna.

## 27.9 Petizzjoni dwar is-Swatar

27.9.1 Is-Sindku informa li kienet ittellgħet petizzjoni fuq is-sit tal-Kamra tar-Rappreżentanti u r-residenti kienu ġew imħajra jiffirmawha. Din kienet qed issemmi ż-żewġ applikazzjonijiet għal żviluppi kbar ħafna li kienu qed jiġu suġġeriti għal din iż-żona.

27.9.2 Sadanittant is-SE infurmat li l-petizzjoni kienet ġabret 1522 qabel kienet twaqqfet minħabba li xolja l-Parlament.

## 27.10 Jum l-Imsida 2026

27.10.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet kuntatt ma' dawk li attendew iż-żjara ġewwa Ardara u kollha kienu kkonfermaw li se jipparteċipaw.

27.10.2 Kienet bdiet ukoll ttella' l-post dwar l-Onorefiċenza sabiex ir-residenti jkunu avżati li n-nominazzjonijiet se jkunu qed jintlaqgħu bejn id-dati li ġew iffissati mill-Kunsill waqt il-laqgħa preċedenti.

27.10.3 Il-Kunsillier Agius kien tkellem mal-compere tas-sena li għaddiet u kif ukoll mal-Kap tal-Iskola Primarja biex tindividwa żewġt itfal biex jippreżentaw flimkien mal-compere.

27.10.4 Is-Sindku talab lis-SE biex hekk kif titlesta l-update tal-lista tal-mistednin għandha tgħaddiha lill-Kunsillier Baldacchino Cefai biex tikkonferma li qed taqbel magħha.

27.10.4 Hawnhekk is-Sindku informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien se jerġa' jorganizza l-attività tal-kant bil-vann madwar il-lokalitajiet. Huwa informa li kien issuġġerixxa li ż-żjarat isiru fis-Swatar u fuq il-promenade tal-Imsida.

## 27.11 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

27.11.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

27.11.2 Il-Kunsillier Farrugia staqsa lis-SE jekk IM hux qed jibgħatu r-rifużjoni tal-ispejjeż tal-*mobile toilets*. Is-SE infurmat li ma kellhiex din l-informazzjoni magħha u għaldaqstant kienet se tinforma darb'oħra.

27.11.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar ma' min qed isiru l-kuntatti ma' IM fin-nuqqas tal-Liaison Officer, is-SE infurmat li kienet titkellem direttament mal-Periti tal-proġett u kienu għaddewlha wkoll isem ta' Perit biex tikkuntattjah fir-rigward ta' permessi.

27.11.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mallia dwar l-iskema tal-GovTech4Al, is-SE infurmat li ma kienet għadha rċeviet ebda aħbar.

## 27.12 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

27.12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet l-ewwel listi għall-vakanzi ta' Council Assistant u fil-ġranet li ġejjin għaldaqstant kienu se jibdew jinżammu xi intervisti.

27.12.2 Sadanittant fir-rigward tal-vakanza għal Operative 4 kienet ġiet infurmata li għalissa l-proċess huwa magħluq minħabba li ġiet iddikjarata elezzjoni.

27.12.3 Il-Kunsillier Agius informa li hu u l-Viċi Sindku kienu attendew għal konferenza bl-isem Tfulija. Huwa talab lis-SE biex iddaħħal applikazzjoni. Is-SE infurmat li għandha bżonn l-informazzjoni għall-applikazzjoni għaliex ma taf xejn dwar dan il-proġett minħabba li ma setgħetx tattendi għall-konferenza.

27.12.4 Il-Kunsillier Farrugia qal li dejjem kien hemm koperazzjoni tajba bejn il-membri tal-Kunsill u ħeġġeġ biex dan l-ispirtu jibqa' anke fi żmien l-elezzjoni u wara, ikun xi jkun ir-riżultat.

27.12.5 Il-Kunsillier Chircop informa li kien se jorganizza attività għat-tfal biex tinżamm nhar id-9 jew l-10 ta' Lulju mis-7pm 'l quddiem. Huwa qal li din l-attività tkun tikkonsisti minn logħob tat-tfal maġġorment. Huwa xtaq ukoll li nassiguraw li Infrastructure Malta tibgħat bowser bl-ilma biex tnaddaf iż-żona mit-trabijiet. Il-Kunsillier Chircop qal ukoll li hija x-xewqa tiegħu li din l-attività tiġi organizzata flimkien mal-Kunsill tat-Tfal.

27.12.6 Is-SE infurmat li l-Imsida St Joseph FC kienu talbu għajnuna mill-Kunsill biex tittella' attività. L-ispiża kienet se titla' €820. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

27.12.7 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mallia għadu kif ġie lura minn Study Visit ġewwa Rimini u kien qed jitlob li jingħata per diem ta' €690. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li huwa importanti ħafna li meta wieħed ikun se jitlob għall-per diem, għandu jġib l-approvazzjoni tal-Kunsill minn qabel se jmur għaliex il-Kunsill ikollu fond fil-baġit għal dawn it-tip ta' żjarat u ovvjament huwa importanti li jżomm mal-baġit li jkun issettja fil-bidu tas-sena.

27.12.8 Il-Kunsillier JC Borg wera mudell ta' dekorazzjoni magħmula bi 3D u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtraw dawn id-dekorazzjonijiet għal massimu ta' €140 kull bradella, għal total ta' €1200. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

27.12.9 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet attendiet għal proġett tal-UE ġewwa Thessaloniki flimkien ma' numru ta' żgħażagħ li rrappreżentaw lill-Imsida. Hija infurmat li b'kollox kienu attendew sitt persuni.

27.12.10 Fir-rigward tal-handymen, is-SE infurmat li kellha problema ma' wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill minħabba li kienet qabditu li mar iż-Żejtun, il-Furjana u l-Belt waqt il-ħin tal-Kunsill u li ħa l-ħaddiema kollha miegħu, mingħajr ma ġab il-permess mingħandha jew mill-amministrazzjoni. Għaldaqstant hija kienu għajtitlu fl-uffiċċju u ġibditlu l-attenzjoni dwar dan. Hija infurmat li wara l-laqgħa magħha huwa kien mar jirrapporta lura lill-Community Workers u twaqqaf milli jirritorna jagħti servizz fil-Kunsill.

27.12.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet riċevuta ta' €80 wara li sid ta' vettura kien faqa' t-tajer fil-ħofra ta' Triq il-Makna tas-Serrar, fejn allegatament kien hemm xelter. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas dan l-ammont.

27.12.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand il-Kumitat Festa Esterna fejn hekk kif kienu għarrfu waqt il-laqgħa mal-Kunsill, kienu qed jitolbu s-somma ta' €30 extra għal kull arblu tal-festa minħabba li dawn kollha għandhom bżonn ta' manutenzjoni. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

27.12.13 Il-Kunsillier JC Borg fakkar lis-SE sabiex tieħu ħsieb li titranġa l-bankina ta' quddiem il-garaxx tal-armar. Hija infurmat li kienet se tipprova ssib xi kuntrattur li jkun lest li jiġi jirranġa bankina żgħira.

27.12.14 Sadanittant is-SE talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtraw xi għodda għall-ħaddiema:

1) Generator żgħir – madwar €1,000.
2) Hammer Drill – madwar €600.

Il-Kunsill approva li tinxtara l-għodda li hemm bżonn biex il-ħaddiema jkollhom biex joperaw.

27.12.15 Is-SE infurmat ukoll li kellha żewġ kwotazzjonijiet biex issir manutenzjoni fuq il-lift. Hija qalet li minbarra l-fatt li l-lift issa kellu 'l fuq minn 15-il sena, kien hemm ukoll il-problema li mar id-dawl darbtejn u l-lift ma baqax jopera. Bħala kwotazzjonijiet, kien hemm waħda għal €5393.41 u oħra kienet għal €1599. Il-Kunsill qabel li tmexxi ħlief għall-auto dialler u GSM System.

27.12.16 Sadanittant infurmat li kienet bagħtet tinforma lid-DGL dwar il-bidliet tal-iskema SPI/SCI/07/2025, dwar ir-refurbishment tar-reception area u l-board room, u din ġiet approvata.

## 27.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-27), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Baldacchino Cefai ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026 fl-4:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv